



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2010/2080(INI)

14.9.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar aspetti tad-dritt ċivili, tad-dritt kummerċjali, tad-dritt tal-familja u tad-dritt internazzjonali privat tal-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma
(2010/2080(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Pier Antonio Panzeri

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-funzjonament korrett tas-suq uniku jappoġġja ż-Żona Ewropea tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja u jikkontribwixxi fit-tisħiħ tal-mudell Ewropew tal-ekonomija tas-suq soċjali; jirrikonoxxi wkoll li t-twaqqif ta' Żona Ewropea tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ssaħħa is-suq uniku u b'mod partikolari l-ħarsien tal-konsumatur;
2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tas-suq uniku b'mod korrett u skont l-iskeda sabiex jinkiseb ambjent ekwu u sabiex l-UE ssir żona li fiha l-moviment liberu u livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur ikunu tabilħaqq iggarantiti;
3. Jilqa' l-fatt li r-rapport taċ-ċittadinanza 2010 se jitratta wkoll l-ostakli għaċ-ċittadini meta jippruvaw jakkwistaw prodotti u servizzi bejn il-fruntieri u jipproponi l-aħjar modi sabiex dawn l-ostakli jitneħħew; jilqa' l-azzjoni li qed tittieħed mill-Kummissjoni Ewropea b'rispons għar-Rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2010 dwar "Ir-realizzazzjoni tas-suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini" li titlob eżerċizzju indipendenti sabiex tidentifika l-oġħla 20 sors rrelatat mas-suq uniku li jikkawżaw nuqqas ta' sodisfazzjon u frustrazzjoni liċ-ċittadini ta' kuljum;
4. Jisħaq li l-Artikolu 12 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jaffirma mill-ġdid, bħala dispożizzjoni ta' applikazzjoni ġenerali, li l-protezzjoni tal-konsumatur għandha tiġi kkunsidrata meta jiddefinixxi u jimplementa politiki u attivitajiet oħra tal-Unjoni; jenfasizza l-importanza tal-proposta għad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur il-ġdida, kif ukoll tal-modernizzazzjoni li ġejja tad-direttiva dwar il-pakkett tal-ivvjaġġar, id-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali u d-direttiva dwar ir-reklamar li jqarraq u komparattiv;
5. Jinnota li l-Kummissjoni se tfittex aktar rimedji biex tneħħi l-ostakli għall-moviment liberu, bħal pereżempju permezz tar-rapport taċ-ċittadinanza; jindika l-importanza fundamentali tat-tneħħija tal-impedimenti għall-moviment liberu fis-Suq Uniku; jinnota kif il-libertà tal-moviment mingħajr restrizzjonijiet tagħti s-saħħa liċ-ċittadini u tesponihom għal gamma usa' ta' opportunitajiet ta' impjieg;
6. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-adozzjoni ta' 'Karta taċ-Ċittadini' li tħaddan diversi aspetti tad-dritt li wieħed jgħix u jaħdem fi kwalunkwe pajjiż fl-UE; jisħaq dwar il-ħtieġa li jkun żgurat rikonoxximent reċiproku tad-dokumenti uffiċjali maħruġa mill-amministrazzjonijiet nazzjonali;
7. Jisħaq dwar il-ħtieġa ta' suq tax-xoġhol sikur, flessibbli u mobbli u l-ħtieġa li titħeġġeġ iktar mobilità u jsir użu akbar mid-drittijiet tal-moviment liberu fis-suq intern;

¹ Rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2010 dwar ir-realizzazzjoni tas-suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini (2010/2011(INI))

8. Jenfasizza l-ħtieġa għal iktar sikurezza għall-mobilità tal-pazjenti Ewropej bejn l-Istati Membri għal raġunijiet tal-kura tas-saħħa; jinkoraġġixxi azzjonijiet ta' appoġġ immirati lejn it-trawwim tal-integrazzjoni tas-suq u t-tifrix tal-għarfien u tal-aħjar teknoloġiji fis-settur tas-saħħa fis-suq intern;
9. Jindika l-importanza tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali u l-ħtieġa li jinstabu r-raġunijiet għaliex il-problemi seħħew bl-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri; jagħraf li s-sejba ta' soluzzjoni għall-problemi bl-implimentazzjoni ta' din id-direttiva ser tikkontribwixxi għas-suċċess fil-ġejjien fil-kisba tal-għan tal-iżgu'ar li huwa possibbli li wieħed jgħix u jaħdem fi kwalunkwe parti tal-Unjoni Ewropea;
10. Jisħaq il-ħtieġa li tinkiseb malajr ċertezza u ċarezza legali akbar fir-relazzjonijiet kuntrattwali kif ukoll aċċess għal sistemi adegwati, affordabbli u effikaċi ta' rimedju inklużi forma Ewropea ta' l-mekkaniżmi ta' rimedju u mekkaniżmi alternattivi għar-risoluzzjoni ta' tilwim;
11. Jenfasizza l-importanza tal-ġustizzja transkonfinali fir-risoluzzjoni tal-każijiet ta' frodi u ta' prattiki kummerċjali qarrieqa li joriġinaw fi Stat Membru u jkollhom fil-mira individwi, NGOs u SMEs fi Stati Membri oħrajn;
12. Jappoġġja bil-qawwa lill-Kummissjoni fl-oġettiv tagħha li tgħaddi leġiżlazzjoni li tnaqqas l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet għall-impriżi, l-aktar għal dawk żgħar u medji;
13. Iħeġġeġ l-inizjattivi konġunti mill-Kummissjoni u l-Istati Membri li jappoġġjaw lill-SMEs li joperaw bejn il-fruntieri fl-UE billi titnaqqas il-burokrazija sabiex jinkiseb tnaqqis tanġibbli fil-piż amministrattiv, finanzjarju u regulatorju; jilqa' r-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva ta' Ħlasijiet Tard;
14. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura t-tneħħija ta' kull xkiel għall-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku li ġew identifikati riċentement fl-"Aġenda Diġitali" tal-2010 kemm permezz ta' mezzi leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi; iħeġġeġ li tinstab soluzzjoni malajr għall-problemi għall-kummerċ transkonfinali għax-xiri mill-konsumaturi minn fuq l-internet, l-aktar f'dak li għandu x'jaqşam mal-pagamenti u mal-kunsinni transkonfinali; jisħaq dwar il-ħtieġa li tiżdied il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozju fil-kummerċ elettroniku transkonfinali, fost oħrajn billi tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità fuq l-internet u l-falsifikazzjoni; jitlob li tiġi żviluppata karta tal-UE għad-drittijiet tal-konsumaturi fil-qasam tas-servizzi fuq l-internet u tal-kummerċ elettroniku.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	13.9.2010						
Riżultat tal-votazzjoni finali	<table style="width: 100%; border: none;"> <tr> <td style="width: 100px;">+:</td> <td style="text-align: right;">32</td> </tr> <tr> <td>-:</td> <td style="text-align: right;">0</td> </tr> <tr> <td>0:</td> <td style="text-align: right;">2</td> </tr> </table>	+:	32	-:	0	0:	2
+:	32						
-:	0						
0:	2						
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Cristian Silviu Buşoi, Lara Comi, António Fernando Correia De Campos, Jürgen Creutzmann, Christian Engström, Iliana Ivanova, Philippe Juvin, Sandra Kalniete, Alan Kelly, Edvard Kožušník, Kurt Lechner, Hans-Peter Mayer, Mitro Repo, Robert Rochefort, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Eva-Britt Svensson, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler						
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Simon Busuttil, Cornelis de Jong, Frank Engel, Ashley Fox, Anna Hedh, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Pier Antonio Panzeri, Konstantinos Poupakis, Olga Sehnalová, Wim van de Camp						